MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PETER BORG COSTANZI**

Seduta tat-28 ta' Frar, 2006

Talba Numru. 2017/2004

**Mary Attard**

**Vs**

**Tara Chemicals Limited**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li bih l-attrici talbet li s-socjeta' konvenuta tigi kkundannata thallas is-somma ta' hames mitt lira Maltin (Lm500) rapprezentanti tmien (8) gimghat *notice* dovuta mis-socjeta' konvenuta wara li kienet impjegata ma' l-istess.

Ra r-Risposta tas-socjeta' konvenuta li biha wiegbet illi l-ammont mitlub mhux dovut billi n-*notice* nghata u nhadem mill-attrici u ghalhekk thallset ta' l-istess *notice*.

Sema' x-xhieda ta' l-attrici, Ivan Spiteri, Michael Attard Montalto u ta' Godwin Gatt.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' t-trattazzjoni ta' Dr Richard Sladden ghall-attrici u ta' Dr Richard Galea Debono ghas-socjeta' konvenuta.

**Ikkunsidra**

Illi mill-provi prodotti jirrizulta illi l-attrici kienet impjegata mas-socjeta' konvenuta bhala *factory worker* u fil-kors ta' l-impjieg taghha hija wegghet subgha (one finger) fuq idha x-xellugija meta waqqghet *fire extinguisher* fuqu. Tali incident sehh fl-1 ta' Gunju, 2003.

Wara dakinhar hija m'attendietx aktar ghax-xoghol minhabba fl-*injury* u gara illi fis-6 t'Awissu, 2003 is-socjeta' konvenuta hasset illi stante n-natura ta' l-*injury*, ma kienx kaz li l-attrici ma tattendix ghax-xoghol tant illi Godwin Gatt informa lill-attrici illi jekk sa' l-ahhar t'Awissu ma tidholx u tirrapporta ghax-xoghol, l-impjieg taghha ser jitqies bhala mitmum. Huwa offrielha li taghmel kwalsijasi *light duty*, anki jekk semplicement tidhol ghax-xoghol u twahhal il-*labels* fuq il-fliexken jew tirrispondi t-telefon.
L-attrici m'attendietx ghax-xoghol u l-impjieg taghha ntemm. Jirrizulta illi hija thallset sal-31 t'Ottubru, 2003 izda l-attrici qieghda tippretendi illi ghandha dritt ghan-*notice* ta' tmien (8) gimghat wara dakinhar.

Skond dokument iffirmat ma' l-ETC, l-impjieg taghha huwa rrapportat li ntemm fil-31 t'Ottubru, 2003 u r-raguni tat-temm ta' l-impjieg huwa *redundant*. Godwin Gatt xehed illi fil-fatt ir-raguni vera tat-temm ta' l-impjieg kien ghaliex huma hassew li l-attrici stess abbandunat ix-xoghol meta ma rrapportatx ghax-xoghol u ma hassewx li kienet gustifikata l-assenza taghha li ma tidholx ghax-xoghol.

F’dan ir-rigward it-Tribunal ha konjizzjoni tad-dokument MA a fol 12 tal-process li gie redatt fil-11 ta’ Settembru, 2003 u f’dan id-dokument hemm indikat illi fl-opinjoni ta’ dan it-tabib, hija tkun tista’ tattendi ghax-xoghol wara tlieta jew erba’ gimghat minn tali data, jigifieri bejn wiehed u iehor fil-bidu t’Ottubru. Ma ngabu l-ebda provi ohra li b’xi mod jindikaw li l-attrici ma setghetx tattendi ghax-xoghol wara dakinhar u ghalhekk mil-lat morali t-Tribunal huwa sodisfatt illi fil-fatt, kif allegaw il-konvenuti, l-attrici sfruttat is-sitwazzjoni minhabba fl-*injury* mhux ghax verament ma setghetx tattendi ghax-xoghol imma purament biex tiehu l-*injury leave* u tithallas xorta wahda.

B’danakollu pero’, t-Tribunal ma jistax jinjora illi fuq id-dokument ufficjali s-socjeta’ konvenuta ddikjarat illi l-attrici giet iddikjarata *redundant.* Tenut kont illi fil-fatt Godwin Gatt ghan-nom tas-socjeta’ konvenuta xehed illi jekk l-attrici ma tidholx ghax-xoghol sa’ l-ahhar t’Awissu, huwa ser jittermina l-impjieg u stante illi bejn l-1 ta’ Settembru u l-ahhar t’Ottubru hemm aktar minn tmien (8) gimghat, it-Tribunal jidhirlu illi kien hemm avviz xieraq lill-attrici u konsegwentement, kif imressaq fin-Nota ta’ l-Eccezzjonijiet, in-*notice* nghata u gie attwalment imhallas ghalkemm strettament, jekk ikun hemm raguni valida u gusta ghat-temm ta’ mpjieg ta’ mpjegat, m’hemmx ghalfejn jinghata *notice.*

Inoltre, t-Tribunal ma jistax jinsa illi taht il-ligi li tirregola l-funzjonijiet ta’ dan it-Tribunal, it-Tribunal irid izomm dejjem quddiem ghajnejh il-principji ta’ l-ekwita’ u ma jhossx li jkun gust u ekwu illi fic-cirkostanzi kollha tal-kaz, l-attrici tithalla tkompli tuzufruwixxi minn sitwazzjoni li giet manipulata minnha ghall-beneficcju taghha u li ma kien hemm l-ebda raguni valida u fil-ligi ghaliex hija ma tattendix ghax-xoghol kif mitluba mill-*employers* taghha f’Awissu.

Illi ghalhekk it-Tribunal jidhirlu illi t-talba attrici ghandha tigi michuda.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi billi jichad it-talba ta’ l-attrici bl-ispejjez kontra taghha.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------